XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 429*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 57*
*Il-Ġimgħa 02 ta' Settembru, 2011*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.25pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużata:* *Dr. Marthese Portelli*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Peress li kien hawn residenti preżenti biex jitkelmu mal-Kunsill dwar xi problemi, il-Kunsill qabel li l-Minuti jiġu approvati aktar tard.*

**1. Problema tat-traffiku fi Triq Is-27 ta' Novembru 1678**

Preżenti kien hawn Maria u Maurice Hili li joqgħdu fi Triq is-27 Ta' Novembru 1678. Is-Sinjura Hili qalet li hija kienet kitbet lill-Transport Malta dwar sinjali tat-traffiku (double yellow line) li saru dan l-aħħar minn Transport Malta fejn il-post tagħha. Minn meta saru dawn is-sinjali hija qalet li mhux ikollhom fejn jipparkjaw il-vettura tagħhom. Minn naħa tagħhom it-Transport Malta wieġbuha li s-sinjali saru skond il-liġi. Maria Hili qalet li t-triq wisgħa aktar minn kif indikat mit-Transport Malta. Maria Hili talbet li jitneħħew is-sinjali sofor. Is-Sindku spjegat lis-Sinjuri Hili li l-Kunsill Lokali mhux l-Awtorita li tapprova l-permessi dwar sinjali tat-toroq bħal dawn u għalhekk lanqas jista' japprova t-talba tagħhom. Is-Sinjuri Hili ġew infurmati li huma jistgħu jerġgħu jiktbu lit-Transport Malta fejn jinfurmawhom li t-triq hija wisgħa aktar minn kif indikaw huma fl-ittra tagħhom u għalhekk għandhom jikkunsidraw li jneħħu s-sinjali sofor.

*(F'dan il-ħin is-6.35pm, daħal il-Kunsillier Teddy Mizzi)*

**2. Problema dwar bank li tneħħa minn Triq Sant'Indrija**

F'dan il-ħin preżenti għal-laqgħa kien hawn Doris Vella u Rosa Haber li joqgħodu fi Triq Sant'Indrija. Doris u Rosa lmentaw mal-Kunsill dwar il-fatt li tneħħa bank li kien hemm fl-istess triq li kienu imorru jistrieħu ftit fuqu fil-għaxijiet. Aktar kmieni huma kienu ppreżentaw petizzjoni lill-Kunsill fejn talbu biex dan il-bank jerġa' jeħel. Il-Kunsill irċieva ukoll

korrispondenza permezz ta' email minn għand Lucienne Haber fejn ukoll talbet biex il-bank jerġa' jitwaħħal.

Dan il-bank kien inqala' wara li l-Kunsill irċieva ilmenti minn għand Angela Spiteri li toqgħod faċċata eżatt fejn kien imwaħħal il-bank. Hija kienet ilmentat li qed ikun hemm l-istorbju u l-bank qed ikun ta' inkonvenjent għaliha peress li qiegħed eżatt faċċata tal-bieb tagħha. Doris Vella u Rosa Haber qalu li fuq dan il-bank jiltaqgħu ftit anzjani li joqgħodu fl-istess triq u żgur li ma jagħmlux storbju. Huma qalu li lanqas joqgħodu fit-tard għax l-aktar li jdumu sad-8.45pm.

Il-Kunsill iddiskuta dwar x'soluzzjoni tista' tinstab biex jeħel il-bank mingħajr ma jkun ta' inkonvenjent għal ħadd. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li huwa għadu jirċievi l-ilmenti dwar dan il-bank u għalhekk se jastjeni mid-deċiżjoni tal-Kunsill jekk il-Kunsill se jiddeċiedi li jerġa' jwaħħal dan il-bank. Il-membri l-oħra tal-Kunsill qablu li għandna naraw kif tista' tinstab soluzzjoni billi jekk ikun possibbli l-bank jeħel aktar 'l isfel u b'tali mod li x'ħin ipoġġu fuqu, ma jkunu faċċata ta' ħadd. B'hekk ma jkun ta inkonvenjent għal ħadd. Ir-residenti għandhom jinfurmaw lill-Kunsill jekk jaqblux ma' din il-proposta.

**<u>3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 428</u>**

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numri 428 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**<u>4. Mill-Minuti tal-Laqgħa Nru 428</u>**

**Paragrafu 5 iv – Mill-Korrispondenza:** Dwar l-applikazzjonijiet li ġew proposti fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni dwar il-proġett ta' bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Ġnien ta' Blankas kienet ġiet sottomessa. L-applikazzjoni l-oħra li ppropona l-Viċi Sindku dwar sistema ta' enerġija alternattiva fil-playing fields ma setgħetx issir peress li ma kienitx taqa' taħt din l-iskema. Is-Sindku pproponiet biex naraw nistgħux napplikaw għal dan il-proġett taħt l-iskema tal-Playing fields li ħarġet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**Paragrafu 5 vii – Mill-Korrispondenza:** Is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier Teddy Mizzi meta se jitpoġġew fil-pjazza l-pots bis-siġar taż-żebbuġ li l-Wasteserv Ltd se jagħtu lill-Kunsill. Il-Kunsillier Teddy Mizzi qal li dan l-aħħar Charles Spiteri (Uffiċċjal tal-Wasteserv Ltd) kien imsiefer. Il-Kunsillier Mizzi qal li nhar it-Tnejn se jieħu ħsieb li dawn jitpoġġew fil-pjazza.

**<u>5. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-44</u>**

**<u>6. Materja oħra</u>**

i. John Cauchi ta' Plot 66 Triq Ta' Ġokk ix-Xewkija, ilmenta mal-Kunsill li waqt li kien qed isir ix-xogħol ta' tarmak fi Triq Kraba, il-bankina li għandu mal-post tiegħu fl-istess triq kantuniera ma' Triq San Duminku nkisret. Huwa qed jitlob biex titranġa. Il-Kunsill qabel li għandna nirranġaw il-bankini li nkissru fit-toroq fejn sar it-tarmak. Ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill wara li Triq San Duminku titlesta mit-tarmak.

ii. Joseph Debono ta' 'St Joseph Farmhouse', Triq San Publiju ix-Xewkija, ilmenta li ma' ġenb il-post tiegħu hemm xi ġebel u trab li qed ikerrah l-ambjent. Il-Kunsill qabel li nibgħatu lill-ħaddiema tal-Kunsill biex ineħħu dan il-materjal.

iii. Is-Superjura tal-Museum tal-Bniet talbet lill-Kunsill sabiex jaqla' l-bin li kien twaħħal fid-daħla tal-Museum. Dan il-bin qiegħed imwaħħal mill-bankina 'l ġewwa tal-Museum. Il-Kunsill qabel li dan għandu jitneħħa.

iv. Dr Kevin Mompalao li għandu post fi Triq Ein Karem kantuniera ma' Triq il-Ħelsien talab biex jingħata ftit tarmak quddiem il-post tiegħu peress li qed iżomm l-ilma tax-xita. Peress li f'postijiet oħra fir-raħal għandna problemi simili, l-Kunsill qabel li dawn il-problemi jistgħu jissolvew meta t-triq kollha fejn ikun hemm l-problema tal-ilma tax-xita tkun ser issir bit-tarmak ġdid. Għalhekk il-Kunsill qabel li din il-problema li semma' Dr Mompalao tissolva meta l-istess triq tkun ser issir b'tarmak ġdid.

v. Frances Haber ta' Triq Santa Katerina, f'isem ir-residenti ta' dawn l-inħawi, rringrazzjat lill-Kunsill peress li tneħħew parti mis-sinjali sofor li kienu saru fl-istess triq u fi Triq il-Knisja.

vi. Il-Kunsillier Hubert Saliba qal li kienu ssuġġerewlu biex ix-xtieli (hedge) li hemm madwar il-Knisja jitneħħa u floku jitħawlu fjuri. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta iżda wieħed irid jikkonsidra li jekk isiru fjuri, dawn trid tibdilhom kull staġun u għalhekk il-Kunsill jidħol f'ċerta spejjeż. Barra minn hekk il-Kunsill irid jara jekk il-Kleru jaċċettax li jitneħħew il-'hedges' peress li dawk huma tal-Knisja u mhux proprjeta' tal-Kunsill.

vii. Is-Sindku pproponiet li ssir ħarġa kulturali għall-familja. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk is-Sindku se tikkordina biex din il-ħarġa tkun tista' ssir.

**7. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. Transport Malta infurmaw lill-Kunsill li r-rotot għax-Xewkija tat-trasport pubbliku operat mill-Arriva se jiżdiedu. Mill-11 ta' Settembru r-rotta 301 li mir-Rabat tmur l-Mgarr se tibda tgħaddi mix-Xewkija u b'hekk kull tlett kwarti ser ikun hemm xarabank li tgħaddi minn Triq San Bert, mill-Pjazza San Ġwann Battista u Triq Indipendenza. F'Ottubbru se tiddaħħal ukoll rotta ġdida li tgħaddi minn Triq Ċanga, Triq Santa Marija, Triq Sant'Indrija, Triq it-Torri Tingi, Triq San Zakkarija, Pjazza San Ġwann Battista, Triq Indipendenza, Triq Mgarr u tibqa' sejra lejn ir-Rabat. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu avviż lir-residenti dwar dawn is-servizzi.

ii. Charles Borg f'isem Teatru Govanni nforma lill-Kunsill li qed jaħdmu fuq produzzjoni biex issir waqt l-attivita Fiori D'Argenta tas-sena d-dieħla. Huma qed jaħdmu wkoll dwar l-attivita Il-Fidwa għas-sena d-dieħla. Charles talab li jiltaqgħu mal-Kunsill biex jibdew jiddiskutu dwar dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu biex niddiskutu dwar dawn.

iii. Mgr Dr Joseph Bezzina f'isem l-Action Committee tal-Park Reġjonali tal-Wied ta' Mgarr ix-Xini ppropona sabiex is-Sindki tal-Kunsilli Lokali tax-Xewkija u Ta' Sannat

jagħmlu ittra flimkien maċ-Chairman tal-Action Committee u wara li ż-żewġ Kunsilli jkunu qablu dwarha, fejn issir talba biex il-proġett tal-Park Reġjonali tal-Wied ta' Mgarr ix-Xini jiġi nvolut fil-programm ta' Eko Għawdex. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kontenut ta' din l-ittra u qabel li fil-laqgħa li jmiss tal-Action Committee, is-Sindku tara x'inhu qed jiġi propost eżatt. Wara l-Kunsill Lokali tax-Xewkija jiddiskuti flimkien mal-Kunsill Lokali Ta' Sannat u jiddeċiedu flimkien x'inhu l-aħjar li jista' jsir.

iv. Fabienne Grech infurmat lill-Kunsill li l-iffirmar tal-ftehim dwar iċ-Ċentru ta' matul il-Jum ser isir nhar il-Ġimgħa 9 ta' Settembru.

v. Transport Malta infurmaw lill-Kunsill dwar talba li saret lilhom minn Theodora Azzopardi biex isir Reserved Parking quddiem id-dar tagħha fi Triq Indipendenza. Transport Malta talbu nformazzjoni dwar Theodora Azzopardi, dwar il-kundizzjoni fiżika tagħha u nformazzjoni oħra. Il-Kunsill qabel li din l-informazzjoni għandha tintalab lill-Awtorita kompetenti rigward is-saħħa u mhux lill-Kunsill. Il-Kunsill mhux fil-kompetenza tiegħu li jiġġudika dwar 'il-problemi severi ta' mobbilita', kif ġie mitlub minn Transport Malta.

vi. Fl-aħħar jiem għaddew diversi emails dwar il-proġett ta' Park Reġjonali tal-Wied ta' Mgarr ix-Xini biex issir laqgħa fejn jiġi diskuss l-istess proġett. Il-laqgħa ser issir fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat fil-5 ta' Settembru fejn se jattendu Julian Zarb (Direttur tat-Turiżmu), Anthony Pace (Superintendent of Cultural Heritage), il-Perit Lino Bianco, membri tal-Kunsilli Lokali Ta' Sannat u Tax-Xewkija u membri tal-Action Committee.

vii. Is-Sur Saviour Tabone, Kap tal-Iskola Primarja tax-Xewkija nforma lill-Kunsill li l-bin li hemm fi Triq tal-Ħamrija, quddiem l-iskola kien mimli u anke kien hemm xi rwejjaħ. Huwa ppropona li dan għandu jinqala'. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jitneħħa dan il-bin iżda l-kuntrattur responsabbli (Xewkija Tigers FC) għandu jiġi avżat biex inaddaf u jaħsel dan il-bin u anke l-bins l-oħra li għandna f'diversi nħawi, b'mod regolari u b'hekk ma jitħallewx fi stat ħażin.

viii. Il-Mepa talbet li jsir 'ventilation report' dwar l-applikazzjoni li għandna biex tinbena mill-ġdid il-latrina pubblika tal-pjazza. Il-Perit Saliba ppropona li ngħidu lil Galea Curmi Eng. Cons. Ltd sabiex jagħmlu dan ir-rapport. L-istima biex isir dan ir-rapport hija ta' €270. Il-Kunsill qabel li nagħmlu dan ir-rapport biex inkunu nistgħu nipproċedu b'din l-applikazzjoni.

ix. Memo 80/2011 titratta dwar kwestjonarju biex jimtela mill-membri kollha tal-Kunsill u anke mill-istaff.

x. Salvu Azzopardi nforma lill-Kunsill li tabella 'no entry' li hemm fi Triq Torri Tingi kantuniera ma' Triq Ħelsien m'għadix tidher. Il-Kunsill qabel li nordnaw tabella ġdida għand Refalo Signs.

xi. Memo 82/2011 titratta dwar attivita Kuntrumbajsa – International Arts Festival. Dawk interessati jipparteċipaw għandhom ikunu 'l fuq minn 15 'l sena.

xii. Dr Vivienne Kruger infurmat lill-Kunsill dwar problemi li ltaqgħet magħhom meta ġiet biex titlaq minn Malta wara li hi u l-familja tagħha għamlu xi żmien jgħixu x-Xewkija. Peress li hija għamlet rapporti mal-Ambaxxata Amerikana u anke mal-Pulizija, il-Kunsill qabel li dawn huma l-Awtoritajiet kompetenti biex isolvu l-problema tagħha u għalhekk se tiġi nfurmata biex tkompli bil-kuntatti tagħha ma' dawn l-awtoritajiet. Il-Kunsill mhux Awtorita Eżekuttiva iżda Awtorita Lokali u għalhekk m'għandux il-poteri eżekuttivi neċessarji biex jassisti lil Dr Vivienne Kruger.

viii. B'referenza għall-email tal-Kunsill li bagħat is-sena l-oħra (14 ta' Awwissu 2010), Dr Anthony Livori nforma lill-Kunsill li lest li jiltaqa' mal-Kunsill biex jiddiskutu s-sitwazzjoni tal-Berġa tax-Xewkija. Dan l-aħħar kien hemm diversi emails dwar dan is-suġġett peress li l-istat tal-Berġa għadu ħażin. Il-Kunsill kien qabel li għandu jiltaqa' mal-Awtoritajiet konċernati iżda mis-sena l-oħra qatt ma ngħata appuntament. Il-Berġa tax-Xewkija mhix fir-responsabilta tal-Kunsill iżda l-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu biex jiġu diskussi l-problemi li hemm u b'hekk il-poplu tax-Xewkija jingħata servizz kif inhuwa xieraq.

ix. Transport Malta talbu nformazzjoni dwar il-proposta li għamel il-Kunsill biex vetturi kbar ma' jgħaddux minn Triq tal-Ħamrija. Il-Kunsill qabel li għandna nipproponu biex vetturi kbar jgħaddu minn Triq it-Taflija lejn ż-żona industrijali, Triq Jean De La Vallette u jibqgħu ħerġin minn Triq il-Mitħna. Minn naħa l-oħra jgħaddu minn Triq il-Mitħna, Triq Sant'Eliżabetta, Triq Jean De La Vallette u jiqbgħu sejrin miż-żona industrijali. B'hekk intaffu ftit mill-ħafna traffiku li qed jgħaddi minn Triq il-Ħamrija.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Ġimgħa 30 ta' Settembru, 2011 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Ruben Cassar | Av. Monica Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |